KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKATA ĠENERALI
MEDINA
ippreżentati fl-24 ta' Frar 2022 [1]

Kawża C-36/21

Sense Visuele Communicatie en Handel vof
vs
Minister van Landbouw, Natuur en Voedselkwaliteit

(talba għal deċiżjoni preliminari mill-College van Beroep voor het bedrijfsleven (il-Qorti tal-Appell għall-Kwistjonijiet Amministrattivi fil-Qasam Ekonomiku, il-Pajjiżi l-Baxxi))

"Talba għal deċiżjoni preliminari - Politika Agrikola Komuni - Regolament Nru 1307/2013 - Pagamenti diretti - Allokazzjoni ta' drittijiet għall-pagament - Artikolu 30(6) - Riżerva nazzjonali għal bdiewa żgħażagħ - Artikolu 50(2)(b) - Kunċett ta' 'bdiewa żgħażagħ' - Informazzjoni żbaljata - Aspettattivi leġittimi skont id-dritt nazzjonali - Rikors għad-danni - Kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni"

Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tikkonċerna l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi taħt id-dritt tal-Unjoni u kif jirrelata ma' dak l-istess prinċipju taħt id-dritt nazzjonali. Din tirriżulta fil-kuntest ta' rikors għad-danni ppreżentat kontra l-awtorità nazzjonali inkarigata bl-applikazzjoni tar-regoli agrikoli tal-Unjoni fil-Pajjiżi l-Baxxi. Essenzjalment, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi irrikonoxxut fl-ordinament ġuridiku nazzjonali jistax jiġi invokat biex jikkumpensa allegat dannu meta l-prinċipju simili skont id-dritt tal-Unjoni ma jistax jiġi invokat.

2. It-talba saret fi proċeduri bejn Sense Visuele Communicatie en Handel vof (iktar 'il quddiem "Sense Visuele") u l-Minister van Landbouw, Natuur en Voedselkwaliteit (il-Ministru għall-Agrikoltura, Ambjent u Kwalità tal-Ikel; iktar 'il quddiem il-"Ministru"). Dawk il-proċeduri jirrelataw mat-talba għal kumpens magħmula minn Sense Visuele għad-dannu li allegatament ġarrbet bħala riżultat tal-informazzjoni żbaljata pprovduta mill-awtorità tal-Pajjiżi l-Baxxi dwar il-kunċett ta' "bdiewa żgħażagħ" stabbilit fl-Artikolu 50(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 [2].

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[2] Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU 2013, L 347, p. 608, rettifika fil-ĠU 2016, L 130, p. 7).

Il-kuntest legali

3. Ir-Regolament Nru 1307/2013 jistabbilixxi regoli komuni dwar pagamenti mogħtija direttament lill-bdiewa taħt l-iskemi ta' appoġġ elenkati fl-Anness I tiegħu [3]. Jistabbilixxi wkoll regoli speċifiċi dwar dawk l-iskemi, jiġifieri l-pagament bażiku għall-bdiewa (iktar 'il quddiem il-"pagament bażiku"), il-pagament għall-bdiewa li josservaw prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent (iktar 'il quddiem il-"pagament ta' titjib ekoloġiku") u l-pagament għall-bdiewa żgħażagħ li ser jibdew l-attività agrikola tagħhom (iktar 'il quddiem il-"ħlas għall-bdiewa żgħażagħ") [4].

4. B'mod partikolari, il-pagament bażiku joffri livell minimu ta' appoġġ għad-dħul għall-bdiewa li jeżerċitaw attivitajiet agrikoli. Il-pagament lill-bdiewa jsir b'mod annwali mal-attivazzjoni tad-drittijiet għall-pagament li għandhom u huwa kkalkolat fuq il-bażi tal-ettari ta' art eliġibbli li huma jiddikjaraw [5].

5. Il-pagament bażiku għandu jiġi kkumplimentat minn pagamenti diretti oħra mmirati lejn kwistjonijiet speċifiċi jew tipi ta' benefiċċjarji speċifiċi [6]. Iż-żamma ta' drittijiet għall-pagament taħt l-iskema ta' pagament bażiku hija għalhekk kundizzjoni minn qabel sabiex jirċievu appoġġ taħt il-bqija tal-iskemi stabbiliti mir-Regolament Nru 1307/2013, bħal pereżempju l-pagament ta' titjieb ekoloġiku u l-pagament għall-bdiewa żgħażagħ [7].

6. Drittijiet għall-pagament ġew inizjalment allokati lill-bdiewa attivi [8] li applikaw għalihom fl-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-iskema ta' pagament bażiku, jiġifieri fl-2015 [9]. Minn dak iż-żmien, huma jistgħu jiġu miksuba permezz tar-riżervi nazzjonali jew reġjonali stabbiliti mill-Istati Membri [10] u/jew jiġu ttrasferiti bejn bdiewa [11].

7. Għall-finijiet ta' din il-kawża, huwa importanti li wieħed jiftakar li l-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 1307/2013 jipprovdi, fil-paragrafu 6 tiegħu, li l-Istati Membri għandhom jużaw ir-riżervi nazzjonali jew reġjonali tagħhom biex jallokaw drittijiet għall-pagament, bħala kwistjoni ta' prijorità, lil bdiewa żgħażagħ u lil bdiewa li għadhom jibdew l-attività agrikola tagħhom. Dak l-istess artikolu jirreferi, fil-paragrafu 11 tiegħu, għall-Artikolu 50(2)(b) tar-Regolament Nru 1307/2013, li jiddefinixxi "bdiewa żgħażagħ" bħala persuni fiżiċi li, *inter alia*, "m'għandhomx aktar minn 40 sena fis-sena ta' preżentazzjoni tal-applikazzjoni [taħt l-iskema tal-pagament bażiku]".

[3] L-Artikolu 1(a) tar-Regolament Nru 1307/2013. Pagamenti diretti jsiru b'mod sħiħ fuq il-kundizzjoni li l-bdiewa jilħqu standards bażiċi li jikkonċernaw l-ambjent, it-tibdil fil-klima, il-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba ta' art, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u t-trattament xieraq tal-annimali, magħrufa bħala "kundizzjonalità". Regoli dwar il-"kundizzjonalità" huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU 2013, L 347, p. 549, u r-rettifiki fil-ĠU 2016, L 130, p. 6, u fil-ĠU 2017, L 327, p. 83).

[4] L-Artikolu 1(b) tar-Regolament Nru 1307/2013 u l-Anness I tiegħu.

[5] Artikoli 32 u 33 tar-Regolament Nru 1307/2013.

[6] Artikolu 21 tar-Regolament Nru 1307/2013. Ara wkoll il-Kummissjoni Ewropea, "Direct payments. Basic payment scheme", Marzu 2016, p. 1, disponibbli fuq https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/food-farming-fisheries/key_policies/documents/basic-payment-scheme_en.pdf.

[7] Artikolu 43 u Artikolu 50(1) tar-Regolament Nru 1307/2013.

[8] Artikolu 9 tar-Regolament Nru 1307/2013.

[9] Ara l-premessa 21 tar-Regolament Nru 1307/2013 u l-Artikolu 21(1)(a) u l-Artikolu 24 tiegħu.

[10] Artikolu 30(1) u (2) tar-Regolament Nru 1307/2013.

[11] Artikolu 34 tar-Regolament Nru 1307/2013.

Il-fatti, il-proċedura u d-domanda preliminari

8. Sense Visuele hija soċjetà kummerċjali b'żewġ msieħba, A u B, li ilha topera razzett tat-tismin tal-ħnieżer mill-2017. Fil-21 ta' Jannar 2018, A għalqet 41.

9. Fil-15 ta' Marzu u l-5 ta' April 2018, Sense Visuele indirizzat diversi talbiet għal informazzjoni lil Rijksdienst voor Ondernemend Nederland (l-Aġenzija għall-Impriżi tal-Pajjiżi l-Baxxi; iktar 'il quddiem ir-"RVO"), l-aġenzija eżekuttiva inkarigata bl-implimentazzjoni tal-politika agrikola komuni tal-Unjoni fil-Pajjiżi l-Baxxi. Essenzjalment, peress li Sense Visuele ma kelliex drittijiet għall-pagament għall-2018, xtaqet tkun taf jekk, u kif, hija setgħet tiksibhom min-Nationale reserve voor Jonge landbouwers (ir-Riżerva Nazzjonali għall-Bdiewa Żgħażagħ, iktar 'il quddiem ir-"riżerva nazzjonali").

10. Ir-RVO indikat lil Sense Visuele li hija tkun eliġibbli għad-drittijiet għall-pagament mir-riżerva nazzjonali peress li A kellha inqas minn 41 sena f'xi punt fl-2018. Wara kollox, skont l-informazzjoni pprovduta mis-sit internet tar-RVO dak iż-żmien, sabiex wieħed jikkwalifika bħala "bidwi żagħżugħ" għall-finijiet tar-Regolament Nru 1307/2013, il-persuna kellha tkun taħt il-41 sena fis-sena tat-talba. Ir-RVO sussegwentement ikkonfermat dik l-informazzjoni permezz ta' posta elettronika lil Sense Visuele.

11. Fil-5 ta' April 2018, Sense Visuele ssottomettiet applikazzjonijiet għall-allokament ta' drittijiet għall-pagament mir-riżerva nazzjonali, fuq il-bażi li A kienet bidwi żagħżugħ, kif ukoll għall-pagament bażiku, il-pagament ta' titjib ekoloġiku u l-pagament għall-bdiewa żgħażagħ. Għall-kuntrarju, ma fittxitx li takkwista dawk id-drittijiet permezz ta' trasferiment minn detentur terz.

12. Permezz ta' deċiżjonijiet tat-2 u l-4 ta' Jannar 2019, wara kkonfermati minn deċiżjoni tat-22 ta' Marzu 2019, il-Ministru ċaħad l-applikazzjonijiet ta' Sense Visuele. Il-Ministru qal li, skont l-Artikolu 50(2)(b) tar-Regolament Nru 1307/2013, bidwi żagħżugħ huwa persuna li, fis-sena tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni tiegħu, ma għandux iktar minn 41 sena. Peress li A kellha 40 sena fl-2018, hija ma ssodisfatx ir-rekwiżit tal-età stabbilita f'dik id-dispożizzjoni u, għalhekk, Sense Visuele ma setgħetx tikkwalifika għall-allokament ta' drittijiet għall-pagament mir-riżerva nazzjonali. Barra minn hekk, peress li Sense Visuele ma kinitx kisbet kwalunkwe drittijiet għall-pagament għall-2018, l-applikazzjonijiet tagħha għall-pagament bażiku u għall-pagament ta' titjib ekoloġiku kellhom jiġu miċħuda. Fl-aħħar, il-Ministru ddikjara li Sense Visuele ma setgħetx tistrieħ fuq il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi skont id-dritt tal-Unjoni rrispettivament minn jekk kinitx in *bona fide*. F'dak ir-rigward, il-Ministru nnota li, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi ma setax jiġi invokat rigward dispożizzjoni mhux ambigwa tad-dritt tal-Unjoni, bħall-Artikolu 50(2)(b) tar-Regolament Nru 1307/2013.

13. Sense Visuele ressqet rikors quddiem il-College van Beroep voor het bedrijfsleven (il-Qorti tal-Appell għall-Kwistjonijiet Amministrattivi fil-Qasam Ekonomiku, il-Pajjiżi l-Baxxi) sabiex tfittex it-tħassir tad-deċiżjoni tat-22 ta' Marzu 2019 u kumpens mingħand il-Ministru għat-telf finanzjarju li allegatament ġarrbet minħabba l-assigurazzjonijiet żbaljati pprovduti mir-RVO.

14. Skont il-qorti tar-rinviju, il-materja tas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali ma huwiex l-allokazzjoni ta' drittijiet għall-pagament mir-riżerva nazzjonali lil Sense Visuele. Hija pjuttost tikkonċerna jekk, billi ma offriex li jikkumpensa lil Sense Visuele għad-dannu li hija allegatament ġarrbet, il-Ministru aġixxa bi ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. F'dak

ir-rigward, dik l-istess qorti tosserva li din tirriżulta mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi taħt id-dritt tal-Unjoni ma jistax jiġi invokat meta jikkonċerna dispożizzjoni li ma hijiex ambigwa ta' dik il-liġi, kif inhu l-każ bl-Artikolu 50(2)(b) tar-Regolament Nru 1307/2013. Madankollu, hemm id-dubju jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix lil Sense Visuele milli tikseb kumpens f'rikors għad-danni fuq il-bażi tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi taħt id-dritt tal-Pajjiżi l-Baxxi.

15. Huwa f'dawk iċ-ċirkustanzi li l-College van Beroep voor het bedrijfsleven (il-Qorti tal-Appell għall-Kwistjonijiet Amministrattivi fil-Qasam Ekonomiku) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tirreferi s-segwenti domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Id-dritt tal-Unjoni jipprekludi evalwazzjoni abbażi tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi taħt id-dritt nazzjonali jekk awtorità amministrattiva nazzjonali ħolqot aspettattivi kuntrarji għal dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni u aġixxiet, b'dan il-mod, illegalment, skont id-dritt nazzjonali, billi naqset milli tikkumpensa lill-persuna leża għad-dannu li hija sofriet minħabba f'hekk, meta l-parti leża ma tistax tinvoka b'mod effettiv il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi taħt id-dritt tal-Unjoni għaliex id-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni inkwistjoni hija ċara?"

16. It-talba għal deċiżjoni preliminari ġiet ippreżentata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-22 ta' Jannar 2020. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew sottomessi minn Sense Visuele, il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi u dak Spanjol u l-Kummissjoni Ewropea. Ma nżammet l-ebda seduta f'din il-kawża.

Analiżi

17. Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tfittex li taċċerta jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi kif stabbilit fid-dritt nazzjonali milli jiġi invokat sabiex rikorrent jikseb kumpens mill-awtorità nazzjonali inkarigata li tapplika regoli tal-Unjoni, meta dak l-istess prinċipju, kif irrikonoxxut fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, ma jistax jiġi invokat peress li jinvolvi dispożizzjoni mhux ambigwa tad-dritt tal-Unjoni.

18. Bħala punt preliminari, għandi nfakkar li l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi huwa fost il-prinċipji fundamentali tal-Unjoni [12]. Huwa jagħti drittijiet lil individwi [13], li jestendi għal kwalunkwe persuna f'sitwazzjoni li fiha awtorità amministrattiva kkawżat lil dik il-persuna li jkollha aspettattivi li huma ġġustifikati minn assigurazzjonijiet preċiżi pprovduti lilha [14]. F'dak ir-rigward, teħtieġ determinazzjoni ta' jekk il-kondotta tal-awtorità amministrattiva rilevanti tatx lok għal aspettattiva raġonevoli u, jekk għamlet hekk, jekk dik l-aspettattiva hijiex leġittima [15].

19. Il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi taħt id-dritt tal-Unjoni huwa vinkolanti mhux biss fuq istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni; Stati Membri huma wkoll meħtieġa li josservaw il-prinċipju fejn huma jadottaw miżuri b'liema huma jimplimentaw normi tal-Unjoni [16]. Fil-qasam

[12] Sentenza tal-14 ta' Marzu 2013, Agrargenossenschaft Neuzelle (C-545/11, EU:C:2013:169, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[13] Ara, f'dak is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Mejju 1992, Mulder *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-104/89 u C-37/90, EU:C:1992:217, punt 15).

[14] Sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Administratīvā rajona tiesa (C-120/17, EU:C:2018:638, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[15] Sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Administratīvā rajona tiesa (C-120/17, EU:C:2018:638, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[16] Sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Administratīvā rajona tiesa (C-120/17, EU:C:2018:638, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

tal-politika agrikola komuni, il-Qorti tal-Ġustizzja repetutament iddeċidiet li l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi għandhom jiġu osservati minn kull awtorità nazzjonali inkarigata bl-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni [17].

20. Madankollu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi għandu jiġi applikat skont ir-regoli tad-dritt tal-Unjoni [18]. Dak il-prinċipju ma jistax jiġi invokat kontra dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li ma hijiex ambigwa. Lanqas tista' l-kondotta ta' awtorità nazzjonali responsabbli li tapplika d-dritt tal-Unjoni, taġixxi bi ksur ta' dik il-liġi, tagħti lok għal aspettattiva leġittima min-naħa ta' persuna għal trattament ta' benefiċċju li huwa kuntrarju għad-dritt tal-Unjoni [19].

21. F'dan il-każ, jidher mid-deċiżjoni tar-rinviju, l-ewwel, li, skont il-qorti tar-rinviju, l-informazzjoni żbaljata pprovduta mir-RVO, li għandha tinftiehem bħala espressjoni tal-fehma tal-Ministru, ikkawżat lil Sense Visuele biex titlob l-allokazzjoni ta' drittijiet għall-pagament mir-riżerva nazzjonali minflok ma takkwistahom minn detentur terz permezz ta' trasferiment. F'dak il-kuntest, il-qorti tar-rinviju hija tal-fehma li Sense Visuele setgħet ġarrbet dannu minħabba l-aspettattiva leġittima maħluqa mir-RVO, li pprekludietha milli tikseb drittijiet għal pagament għall-2018 u, b'konsegwenza, il-pagament bażiku u l-pagament ta' titjib ekoloġiku. Skont dik il-qorti, id-dannu mġarrab minn Sense Visuele jkun jikkonsisti fit-telf tal-pagamenti li l-Ministru rrifjuta li jallokalha, wara tnaqqis tal-ispiża tad-drittijiet li kieku kellha tixtri minn detentur terz bħala kundizzjonijiet minn qabel tal-ksib taż-żewġ pagamenti.

22. It-tieni, il-qorti tar-rinviju ma tiddubitax li l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi taħt id-dritt tal-Unjoni kien vinkolanti fuq il-Ministru meta adotta d-deċiżjoni tat-22 ta' Marzu 2019. Fid-deċiżjoni tar-rinviju, dik il-qorti fil-fatt tispjega li huwa fil-kuntest tal-applikazzjoni tar-regoli agrikoli tal-Unjoni fil-Pajjiżi l-Baxxi, b'mod partikolari tal-iskemi ta' pagamenti diretti stabbiliti fir-Regolament Nru 1307/2013 [20], li l-Ministru rrifjuta l-allokazzjoni ta' drittijiet tal-pagamenti lil Sense Visuele u l-applikazzjonijiet tagħha għall-pagament bażiku, il-pagament ta' titjib ekoloġiku u l-pagament għal bdiewa żgħażagħ. Madankollu, il-qorti tar-rinviju tikkunsidra l-Artikolu 50(2)(b) tar-Regolament Nru 1307/2013 bħala dispożizzjoni mhux ambigwa tad-dritt tal-Unjoni [21]. Isegwi li, għal dik il-qorti, Sense Visuele b'mod ċar ma tistax tistrieħ fuq il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi taħt id-dritt tal-Unjoni sabiex titlob drittijiet għall-pagament mir-riżerva nazzjonali.

23. Il-qorti tar-rinviju madankollu tixtieq tkun taf jekk hemmx skop li Sense Visuele tinvoka, f'rikors domestiku għad-danni kontra l-Ministru, il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi kif stabbilit fl-ordinament ġuridiku nazzjonali għall-finijiet ta' kisba ta' kumpens għat-telf imġarrab.

[17] Ara s-sentenzi tas-26 ta' April 1988, Krücken (316/86, EU:C:1988:201, punt 22), u tal-1 ta' April 1993, Lageder *et* (C-31/91 sa C-44/91, EU:C:1993:132, punt 33).

[18] Sentenzi tat-13 ta' Marzu 2008, Vereniging Nationaal Overlegorgaan Sociale Werkvoorziening *et* (C-383/06 sa C-385/06, EU:C:2008:165, punt 53), u tal-20 ta' Ġunju 2013, Agroferm (C-568/11, EU:C:2013:407, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Kokott fil-kawża Agroferm (C-568/11, EU:C:2013:35, punt 55).

[19] Sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Administratīvā rajona tiesa (C-120/17, EU:C:2018:638, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[20] Ara, f'dak is-sens, l-Artikolu 2(1)(2) tal-Uitvoeringsregeling rechtstreekse betalingen GLB (ir-Regolament Ministerjali li Jimplimenta l-Iskemi ta' Pagamenti Diretti tal-Politika Agrikola Komuni).

[21] Il-qorti tar-rinviju, il-partijiet għall-proċeduri prinċipali u l-partijiet interessati li ssottomettew osservazzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jaqblu li l-Artikolu 50(2)(b) tar-Regolament Nru 1307/2013 jikkostitwixxi dispożizzjoni mhux ambigwa tad-dritt tal-Unjoni dwar il-kundizzjoni tal-età stabbilita.

24. Għal finijiet ta' ċarezza, nenfasizza li d-domanda preliminari ma tirrelatax għal rikors għad-danni li fih rikorrent jinvoka l-prinċipju ta' responsabbiltà tal-Istat għal ksur tad-dritt tal-Unjoni [22]. Wara kollox, dan il-każ jirreferi għal sitwazzjoni fejn l-awtorità tal-Pajjiżi l-Baxxi rrifjutat li talloka drittijiet għal pagament lil Sense Visuele għar-raġuni li l-ebda mill-imsieħba tagħha ma ssodisfaw ir-rekwiżiti tal-età pprovduti fl-Artikolu 50(2)(b) tar-Regolament Nru 1307/2013 u li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi skont id-dritt tal-Unjoni ma setax jiġi invokat kontra tali dispożizzjoni.

25. Huwa wkoll importanti li wieħed jinnota li d-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju ma tikkonċernax l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi taħt id-dritt nazzjonali bħala bażi legali sabiex jasserixxu d-drittijiet għall-pagament skont ir-Regolament Nru 1307/2013.

26. Fil-fatt, kif il-Kummissjoni tenfasizza fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, dik il-possibbiltà għandha tiġi eskluża, l-ewwel nett, fuq il-bażi tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tgħid li l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi ma jistgħux jiġu applikati kontra r-regoli tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri dawk li huma preċiżi u ma humiex ambigwi, kif diġà ġie msemmi fil-punt 20 iktar 'il fuq [23]. Dak jimplika li, f'każ bħal dak fil-proċeduri prinċipali, il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi taħt id-dritt nazzjonali ma jistax jieħu post dak l-istess prinċipju taħt id-dritt tal-Unjoni bil-għan li jiġu akkwistati d-drittijiet u l-benefiċċji pprovduti mir-Regolament Nru 1307/2013. Inkella, minn perspettiva formali, il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi taħt dritt nazzjonali jkun qiegħed jistabbilixxi lilu nnifsu bħala l-istandard li jiddetta l-applikabbiltà ta' dak ir-regolament, bir-riżultat li d-dritt nazzjonali jkun jegħleb id-dritt tal-Unjoni u, bħala konsegwenza, dak il-prinċipju ta' supremazija ta' dak id-dritt jinkiser.

27. Barra minn hekk, għandi nfakkar li, permezz tal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, regoli jew prinċipji tad-dritt nazzjonali ma jistgħux jitħallew li jimminaw l-effettività u l-unità tad-dritt tal-Unjoni fit-territorju ta' Stat Membru [24].

28. F'ċirkustanzi bħalma huma dawk f'dan il-każ, l-ewwel, l-effettività sħiħa tad-dritt tal-Unjoni teħtieġ li l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi taħt id-dritt nazzjonali ma jiġix użat biex jiġu evitati r-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfatti mill-bdiewa sabiex jiksbu drittijiet għall-pagament skont ir-Regolament Nru 1307/2013. Inkella, dak il-prinċipju tad-dritt nazzjonali jkun iservi sabiex jalloka drittijiet lil bdiewa li ma humiex eliġibbli għalihom u, sussegwentement, biex jiffinanzjaw miżuri li ma humiex implimentati skont ir-regoli speċifiċi għas-settur applikabbli. Kif intqal mill-Avukata Ġenerali Kokott fil-konklużjonijiet tagħha fil-kawża Agroferm [25], dak fl-aħħar ikun jaffettwa l-interessi finanzjarji tal-baġit tal-Unjoni, li huwa wieħed mir-riżultati prinċipali li l-qafas legali tal-Unjoni applikabbli għal-oqsma ta' politika b'ġestjoni maqsuma, bħalma hija l-politika agrikola komuni, tfittex li tevita [26].

[22] Ara, f'dak is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Novembru 1991, Francovich *et* (C-6/90 u C-9/90, EU:C:1991:428).

[23] Ara, bħala eżempju, is-sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Erzeugerorganisation Tiefkühlgemüse (C-516/16, EU:C:2017:1011, punti 69 sa 74).

[24] Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2021, Randstad Italia (C-497/20, EU:C:2021:1037, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[25] Konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Kokott fil-kawża Agroferm (C-568/11, EU:C:2013:35, punt 46 sa 50).

[26] Ara, f'dak is-sens, il-premessa 39 tar-Regolament Nru 1306/2013. Ara wkoll l-Artikolu 63(1) u (2)(a) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU 2018, L 193, p. 1, rettifika fil-ĠU 2019, L 60, p. 36).

29. It-tieni, ta' min jinnota, b'konformità mal-Avukata Ġenerali Kokott fl-istess konklużjonijiet, ma' liema jiena naqbel, li, kieku kien possibbli li wieħed jistrieħ fuq il-prinċipju tad-dritt nazzjonali ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi għall-finijiet tal-akkwist ta' benefiċċji u drittijiet li joħorġu mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni – bħal, pereżempju, ir-Regolament Nru 1307/2013 – jista' fl-aħħar iwassal għal differenzi fl-applikazzjoni ta' dik il-leġiżlazzjoni fl-Istati Membri varji [27]. Hawnhekk hawn kunsiderazzjoni li hija kkonċernata bl-unità tad-dritt tal-Unjoni u l-applikazzjoni uniformi tagħha fi ħdan it-territorju tal-Unjoni. Fil-fatt, minħabba li l-kamp ta' applikazzjoni mogħti lill-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi f'kull ordinament ġuridiku nazzjonali jista' jvarja, xi Stati Membri iktar favorevoli minn oħrajn dwar dik il-protezzjoni fi ħdan il-ġurisdizzjoni tagħhom stess [28], individwi u impriżi jistgħu jirċievu trattament differenti fuq l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1307/2013. Dan jista' jwassal għal distorsjonijiet tal-kompetizzjoni simultanji fl-Istati Membri minħabba vantaġġi li jingħataw lil ċertu individwi u impriżi fil-konfront ta' oħrajn.

30. Isegwi li, għal raġunijiet li jikkonċernaw is-supremazija tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll l-effettività u l-unità tagħha, fejn awtorità nazzjonali tkun ħolqot aspettattiva kuntrarja għal dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni mhux ambigwa, individwu ma jistax ifittex li jibbenefika mid-drittijiet mogħtija minn dik id-dispożizzjoni fuq il-bażi tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi taħt dritt nazzjonali.

31. Id-domanda tibqa' dwar jekk dawk l-istess kunsiderazzjonijiet jipprekludux serħan fuq il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi taħt dritt nazzjonali sabiex jinkiseb kumpens għad-dannu kkawżat mill-assigurazzjonijiet foloz ipprovduti minn awtorità nazzjonali.

32. F'dak ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tinnota ġustament li, fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Krücken [29], l-Avukat Ġenerali Mancini kkonkluda li, anki jekk parti leża ma tkunx tista' tinvoka l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi sabiex tasserixxi drittijiet kontra l-liġi tal-Unjoni, dik l-istess parti ma għandhiex tiġi mċaħħda mill-"possibbiltà li tressaq azzjoni quddiem il-qorti nazzjonali għal kumpens biex jiġi mħallas mill-awtoritajiet responsabbli għall-iżball li, fil-fehma tagħha, ikkawżatilha dannu". L-Avukat Ġenerali Tizzano wara approva l-istess approċċ fil-kawżi magħquda Flemmer *et* [30]. L-ebda Avukat Ġenerali ma rrefera espressament għall-bażi legali fuq liem dik l-azzjoni tista' tiġi bbażata. Madankollu, id-dikjarazzjonijiet tagħhom jistgħu jinqraw biss bħala invit biex jimxu skont id-dritt nazzjonali u, b'mod partikolari, bil-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi kif irrikonoxxut f'dik is-sistema legali [31].

33. Sussegwentement, fil-kawża Belovo [32], dwar il-liċenzji żbaljati pprovduti minn awtorità nazzjonali lil importatur ta' prodotti agrikoli minn Stati mhux Membri, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li r-regolament tal-Unjoni applikabbli ma kienx "jipprekludi [dak l-importatur] milli jressaq rikors għad-danni kontra l-aġenzija li ħarġitha, skont id-dritt nazzjonali, fejn [kien]

[27] Konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Kokott fil-kawża Agroferm (C-568/11, EU:C:2013:35, punt 48).

[28] Ara, f'dak ir-rigward, il-Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas (il-Qorti Amministrattiva Suprema tal-Litwanja) u ACA-Europe, *General Report. The Protection of Legitimate Expectations in Administrative Law and EU Law*, 2016, p. 2 *et seq.*, disponibbli fuq https://www.aca-europe.eu/seminars/2016_Vilnius/VIL_GeneralReport_en.pdf, li jiżvela differenzi kunsiderevoli fl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi bejn l-Istati Membri.

[29] Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mancini fil-kawża Krücken (316/86, mhux ippublikati, EU:C:1988:78, p. 2231).

[30] Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tizzano fil-kawżi magħquda Flemmer *et* (C-80/99 sa C-82/99, EU:C:2001:57, punt 53).

[31] Għandi nsemmi, f'dak ir-rigward, li l-konklużjonijiet tal-Avukati Ġenerali Mancini u Tizzano kienu adottati bħala risposta li għandha tingħata għad-domandi preliminari speċifikament li jikkonċernaw l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

[32] Sentenza tas-16 ta' Lulju 1992, Belovo (C-187/91, EU:C:1992:333, punt 11 u d-dispożittiv).

maqbul li dawk il-liċenzji ma kellhomx jinħarġu". Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li, f'dak ir-rikors, kellha tittieħed inkunsiderazzjoni *inter alia* l-aspettattiva leġittima tal-importatur rigward dawk il-liċenzji.

34. Dik il-konstatazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja hija fformulata b'referenza speċifika għal-leġiżlazzjoni applikabbli għal dak il-każ, li stabbilixxiet sistema ta' liċenzji ta' import u esport u ċertifikati ta' ffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli. Fil-fehma tiegħi, madankollu, is-sentenza fil-kawża Belovo turi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrikonoxxi li talba għal kumpens taħt dritt nazzjonali tista' toħroġ minn imġiba illegali ta' awtorità nazzjonali anki meta taġixxi fi ħdan il-qafas tad-dritt tal-Unjoni [33], speċjalment fejn assigurazzjonijiet foloz huma pprovduti fuq l-applikazzjoni ta' dik il-liġi.

35. Flimkien mal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, u skont il-pożizzjonijiet mittieħda mill-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi u l-Kummissjoni f'dan il-każ, jiena għalhekk tal-opinjoni li d-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix persuna naturali jew legali milli tressaq rikors domestiku għal kumpens għad-dannu mġarrab bħala konsegwenza tal-għoti ta' assiguranza falza kuntrarju għal dispożizzjoni mhux ambigwa tad-dritt tal-Unjoni. Lanqas ma jipprekludi serħan fuq il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi kif stabbilit fid-dritt nazzjonali għal dak l-istess għan, sakemm, kif innotajt fil-punt 30 ta' dawn il-konklużjonijiet, is-supremazija, effettività u unità tad-dritt tal-Unjoni ma humiex mhedda.

36. F'dak ir-rigward, qabel kollox, għandu jingħad li, sabiex jiġi evitat li tiġi mxejna s-supremazija tad-dritt tal-Unjoni, ir-rikors ippreżentat quddiem il-qorti nazzjonali fuq il-bażi tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi tad-dritt nazzjonali għandu jfittex kumpens esklużivament għad-dannu li jirriżulta mill-assigurazzjonijiet foloz ipprovduti mill-awtorità nazzjonali. Kif diġà ġie spjegat fil-punt 26 ta' dawn il-konklużjonijiet, dak ir-rikors ma għandux jipprova jasserixxi drittijiet kuntrarji għad-dispożizzjoni tal-Unjoni kkonċernata, peress illi dan ikun iwassal għal xenarju fejn id-dritt nazzjonali tkun bħala l-bażi formali sabiex jingħataw benefiċċji lir-rikorrent li d-dritt tal-Unjoni jipprojbixxih milli jikseb.

37. F'moħħi, dak ir-rekwiżit ikun jidher li jkun issodisfatt f'rikors tat-tip deskritt mill-qorti tar-rinviju fid-deċiżjoni tar-rinviju fejn ir-rikorrenti ma hijiex qiegħda tfittex l-allokazzjoni tad-drittijiet għall-pagament skont ir-Regolament Nru 1307/2013. Pjuttost, hija titlob kumpens għall-informazzjoni żbaljata pprovduta mill-awtorità nazzjonali inkarigata bl-applikazzjoni tar-regoli agrikoli tal-Unjoni, li, fil-fehma tar-rikorrenti, ħeġġitha li titlob l-allokazzjoni tad-drittijiet għall-pagament, minflok takkwistahom minn detentur terz, u fl-aħħar motivat iċ-ċaħda tat-talba tagħha għall-pagament bażiku u tat-titjib ekoloġiku.

38. It-tieni, sakemm ir-rikors taħt il-prinċipju tad-dritt nazzjonali ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jinġieb għall-fini ta' kumpens ta' dannu u mhux biex jasserixxi drittijiet kontra dispożizzjoni mhux ambigwa tad-dritt tal-Unjoni, ma hemm l-ebda riskju li l-effettività tad-dritt tal-Unjoni tiġi mminata.

39. Rigward il-proċeduri prinċipali, jidher mill-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju li, taħt id-dritt nazzjonali tagħha, ir-rikors għad-danni mressaq quddiemha ma jistax iwassal għall-allokazzjoni ta' drittijiet tal-pagament skont ir-Regolament Nru 1307/2013, lanqas għall-għoti ta' kwalunkwe pagament skont dak l-istess regolament. Ir-rikorrenti b'dak ir-rikors

[33] Ara, f'dak is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Settembru 1988, Asteris *et* (106/87 sa 120/87, EU:C:1988:457, punti 18 u 19). Ara wkoll Prechal, S. u Widdershoven, R. J. G. M., *Inleiding tot het Europees bestuursrecht*, ir-raba' edizzjoni, Ars Aequi Libri, 2017, p. 227, iċċitat ukoll mill-qorti tar-rinviju.

għalhekk ma tistax tibbenefika minn drittijiet mhux mistħoqqa permezz ta' dak ir-regolament. Madankollu, il-baġit tal-Unjoni ma huwiex fil-perikolu li jintuża bi ksur tar-regoli applikabbli tal-Unjoni tal-politika agrikola komuni. Barra minn hekk, kif jenfasizzaw il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi u l-Kummissjoni, kwalunkwe rikors għad-danni mressaq taħt dritt nazzjonali u bbażat fuq il-kondotta illegali ta' awtorità nazzjonali jkun ikkumpensat esklużivament mill-baġit nazzjonali. Konsegwentement, tali rikors ma jistax ikollu effett detrimentali fuq il-fondi li jirriżultaw mill-baġit tal-Unjoni jew jaffettwa l-interessi finanzjarji tagħha.

40. Nista' nżid, b'konnessjoni mal-kundizzjoni dwar l-effettività tad-dritt tal-Unjoni, li l-eżerċizzju ta' rikors għad-danni kontra awtorità nazzjonali, f'ċirkustanzi bħalma huma dawk f'dan il-każ, huwa kapaċi, fl-opinjoni tiegħi, li jikkontribwixxi għat-titjib tar-reġim ta' amministrazzjoni maqsuma bejn l-Istati Membri u l-Unjoni f'oqsma ta' politika li jinvolvu l-infiq tal-fondi tal-Unjoni. Fil-fatt, jista' jkollu l-effett li jinkoraġġixxi awtoritajiet nazzjonali li jipprovdu informazzjoni affidabbli meta mitluba minn individwi u impriżi [34] u, fl-aħħar, iwassal għal applikazzjoni iktar effettiva tar-regoli tal-Unjoni u infiq pubbliku.

41. It-tielet, fil-kuntest ta' rikors għad-danni bbażat fuq il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi taħt dritt nazzjonali, ma jidhirlix li l-unità u l-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni jistgħu jiġu mminati, jew jagħti lok għal distorsjoni ta' kompetizzjoni fl-Istati Membri, fis-sens imsemmi fil-punt 29 ta' dawn il-konklużjonijiet.

42. F'dak ir-rigward, dan il-każ juri, minn naħa, li, rikors għad-danni bbażat fuq il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi tad-dritt nazzjonali, rikorrent ma huwiex suppost jakkwista kwalunkwe drittijiet mogħtija mid-dritt tal-Unjoni għad-detriment ta' individwi ekwivalenti fi Stati Membri oħra. B'mod partikolari, kif tenfasizza l-Kummissjoni, tali rikorrent ma jkunx jirċievi drittijiet għall-pagament minn mekkaniżmu simili għar-riżerva nazzjonali bl-istess mod li bdiewa involuti f'attivitajiet agrikoli fi Stati Membri oħra li ma ssodisfawx ir-rekwiżit tal-età stabbilit fl-Artikolu 50(2)(b) tar-Regolament Nru 1307/2013 ma jkunux jakkwistaw tali drittijiet jew pagamenti lanqas.

43. Min-naħa l-oħra, jekk ir-rikors għad-danni tar-rikorrent kellu jiġi milqugħ, il-kumpens irċevut ikun ikopri biss id-dannu mġarrab minħabba l-assigurazzjonijiet foloz ipprovduti mill-awtorità nazzjonali. Għalhekk, kuntrarju għall-pożizzjoni mittieħda mill-Gvern Spanjol, ir-rikorrenti ma tingħatax kwalunkwe vantaġġ fuq impriżi oħra fl-istess settur. Jista' jkun utli li wieħed jiftakar f'dak ir-rigward li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [35], danni li l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jiġu ordnati li jħallsu lil individwi jew impriżi bħala kumpens għat-telf li huma setgħu kkawżalhom għandhom natura legali fundamentalment differenti mill-għajnuna pubblika li tiffavorixxi ċertu impriżi. Isegwi li, fejn miżura, bħar-rikors ikkonċernat f'dan il-każ, tagħti kumpens lil individwu jew impriża għad-danni mġarrba biss, bħala riżultat ta' assigurazzjoni falza, dak l-individwu jew impriża ma jkunux ikkunsidrati li akkwistaw vantaġġ, jiġifieri riskju għad-distorsjoni ta' kompetizzjoni bejn l-Istati Membri jista' jiġi eskluż ukoll.

44. Fid-dawl ta' dak imsemmi, għandi nikkonkludi li d-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi kif stabbilit fid-dritt nazzjonali biex jikkumpensa d-dannu allegat minn rikorrent kontra l-awtorità nazzjonali

[34] Ara, f'dak ir-rigward, l-Artikolu 12 *et seq*. tar-Regolament Nru 1306/2013 li jistabbilixxu s-"sistema konsultattiva għall-azjendi agrikoli", li għandha tkun implimentata b'mod obbligatorju mill-Istati Membri sabiex jingħata parir lill-bdiewa, jiġifieri fuq ir-regoli ta' "kundizzjonalità" applikabbli għall-politika agrikola komuni. Ir-RVO, ikkonċernata fil-proċeduri prinċipali, preżentement hija l-aġenzija eżekuttiva inkarigata bl-obbligi dwar is-SKAA fil-Pajjiżi l-Baxxi.

[35] Sentenza tas-27 ta' Settembru 1988, Asteris *et* (106/87 sa 120/87, EU:C:1988:457, punt 23). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża Achema *et* (C-706/17, EU:C:2019:38, punt 52).

inkarigata bl-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni meta dak l-istess prinċipju, kif irrikonoxxut fis-sistema legali tal-Unjoni, ma jistax jiġi invokat peress li jinvolvi dispożizzjoni mhux ambigwa tad-dritt tal-Unjoni. Madankollu, sabiex dan ikun minnu, il-kundizzjonijiet segwenti għandhom jiġu ssodisfatti:

– l-ewwel, ir-rikors ippreżentat mir-rikorrent għandu jfittex kumpens esklużivament għad-dannu li jirriżulta mill-assigurazzjonijiet foloz ipprovduti mill-awtorità nazzjonali, u mhux biex jasserixxi drittijiet taħt ir-regoli tal-Unjoni;

– it-tieni, kwalunkwe kumpens għad-dannu li jirriżulta minn dak ir-rikors għandu jingħata biss mill-baġit nazzjonali; u

– it-tielet, il-kumpens li jirriżulta mir-rikors għandu jkopri biss id-dannu mġarrab u mhux jagħti kwalunkwe vantaġġ ekonomiku kontra d-dritt tal-Unjoni lir-rikorrent.

45. Dawk it-tliet kundizzjonijiet, flimkien mal-elementi li jagħtu lok għal talba għal kumpens skont il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi skont id-dritt nazzjonali, għandhom jiġu evalwati mill-qorti nazzjonali.

Konklużjoni

46. Fuq il-bażi tal-analiżi stabbilita hawn fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi d-domanda preliminari mibgħuta mill-College van Beroep voor het bedrijfsleven (il-Qorti tal-Appell għall-Kwistjonijiet Amministrattivi fil-Qasam Ekonomiku, il-Pajjiżi l-Baxxi) bil-mod segwenti:

Id-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi kif stabbilit fid-dritt nazzjonali biex jikkumpensa d-dannu allegat minn rikorrent kontra l-awtorità nazzjonali inkarigata bl-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni meta dak l-istess prinċipju, kif irrikonoxxut fis-sistema legali tal-Unjoni, ma jistax jiġi invokat peress li jinvolvi dispożizzjoni mhux ambigwa tad-dritt tal-Unjoni, bil-kundizzjoni li:

– ir-rikors ippreżentat mir-rikorrent ifittex kumpens esklużivament għad-dannu li jirriżulta mill-assigurazzjonijiet foloz ipprovduti mill-awtorità nazzjonali, u mhux biex jasserixxi drittijiet taħt ir-regoli tal-Unjoni;

– kwalunkwe kumpens għad-dannu li jirriżulta minn dak ir-rikors huwa mogħti biss mill-baġit nazzjonali; u

– il-kumpens li jirriżulta mir-rikors ikopri biss id-dannu mġarrab u ma jagħtix kwalunkwe vantaġġ ekonomiku kontra d-dritt tal-Unjoni lir-rikorrent.